MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 645/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Doreen Boyianzis**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmin mija u tnax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm812.78) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 577493 (skond kif jirrizulta mill-statement Dok A anness mal-avviz) liema servizz gie stallat fil-fond li jgib l-isem "Micjoh", fi Triq il-Pwales, San Pawl il-Bahar u dana skond ma kif jidher mis-'service agreement' Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 u fol 3 tal-atti u markati Dok A u Dok B.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali dak verbalizzat a fol 21, 22, 26 29 u fol 31 tal-istess atti kif ukoll id-dokument a fol 24 ibid.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta, avolja notifikata skond il-ligi bl-avviz in esami u kienet patrocinata minn Avukat, waqt dawn il-proceduri li, pero', irrinunzja ghall-patrocinju tal-istess (ara fol 31 u fol 32 ibid) ma ssottomettiet l-ebda nota tal-eccezzjonijiet sabiex tispecifika il-ghala l-ammont mitlub fl-avviz in esami ma kienx dovut minnha anke 'in parte'.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta attrici, giet prodotta l-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young (fol 33 ibid) li kkonfermat illi l-ammont, kif mitlub kien ghadu dovut kollu kemm hu avolja kien sar ftehim ta' pagament bejn il-partijiet involuti.

Difatti l-konvenuta kienet ghamlet xi pagamenti akkont izda in rigward 'servizz ta' telefon differenti' liema fatt jirrisutla ukoll mid-dokument a fol 24 ibid (ara 'access no" 577493).

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm812.78,0 bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali, imsemmija fl-avviz, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-istess ittra ufficjali minghajr data specifikata u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------